

Konferma tar-riċevuta ta' lment multiplu dwar allegat ksur mill-Italja tar-regoli tal-UE u tal-Kunsill tal-Ewropa dwar in-nondiskriminazzjoni u l-protezzjoni ta' ħaddiema b'terminu fiss, b'mod partikolari l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u d-Direttivi 2000/78, 2006/54 u 1999/70.

Numru ta' referenza: CHAP (2021)03439

Il-Kummissjoni Ewropea rċeviet għadd kbir ta' lmenti dwar in-nuqqas ta' rikonoxximent tar-rekord tal-impieg tal-ghalliena fl-“scuole paritarie” (skejjel privati akkreditati) għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-grad tal-paga tagħhom meta jibdew jaħdmu fi skejjel pubbliċi.

L-ilmentaturi jindikaw li s-sistema edukattiva nazzjonali Taljana tikkonsisti fi skejjel tal-istat u “scuole paritarie” akkreditati, jiġifieri skejjel li jitkolu ħlas ta' tariffa u li jsegwu s-sillabu tal-iskola tal-istat. L-akkreditazzjoni tingħata lil skejjel mhux statali li japplikaw għaliha, sakemm dawn jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet, ivverifikati mill-Istat, pereżempju fir-rigward tal-kwalifikasi tal-ghalliena. Filwaqt li l-esperjenza miksuba fi skejjel privati akkreditati hija rikonoxxuta għall-fini ta' għoti ta' kuntratti ta' tagħlim b'terminu fiss u ta' għoti ta' impieg sussegamenti fl-iskejjel tal-istat, l-ilmentaturi jindikaw li, skont l-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297 tas-16 ta' April 1994, il-Ministeru tal-Edukazzjoni Taljan ma jirrikonoxx din l-esperjenza għad-determinazzjoni tal-gradi ta' remunerazzjoni ta' għalliema reklutati ġoddha, iżda biss l-esperjenza miksuba fl-iskejjel tal-istat jew l-ekwivalenti tagħhom.

Il-Kummissjoni daħħlet dawn l-ilmenti fir-reġistru ċentrali tal-ilmenti bin-numru ta' referenza CHAP(2021)03439. Jekk tixtieq tissottometti aktar informazzjoni dwar l-ilment tiegħek tista' tagħmel dan l-istess mezzi ta' kuntatt elenkti [hawnhekk](#). Jekk jogħġgbok ikkwota n-numru ta' referenza msemmi hawn fuq.

Minħabba l-għadd sinifikanti ta' lmenti li rċeviet dwar dan is-suġġett, il-Kummissjoni, bil-ħsieb li twieġeb malajr u tinforma lil dawk ikkonċernati kif ukoll minħabba l-interess pubbliku potenzjalment usa' fil-kwistjoni li qajmu l-ilmentaturi, qed tippubblika din il-konferma tar-riċevuta fuq il-[paġna ddedikata tas-sit web Europa](#). L-ilmentaturi se jiġu infurmati, mill-istess mezzi ta' informazzjoni, dwar ir-riżultati tal-eżami tal-Kummissjoni ta' dawn l-ilmenti u dwar l-azzjoni ulterjuri li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tieħu.

Il-Kummissjoni se tqis l-ilment fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni Ewropea applikabbli u skont il-prioritajiet tal-infurzar stabbiliti fil-[Komunikazzjoni mill-Kummissjoni “Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta’ applikazzjoni aħjar”](#)<sup>1</sup>.

Jekk jogħġgbok innota li jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li taġixxi b'segwitu għall-ilment tiegħek billi tniedi proċedura ta' ksur formal, l-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġura li l-liġjiet tal-Istat Membru jkunu konformi mad-dritt tal-UE u li jkunu applikati sew. Is-sottomissjoni tal-ilment lill-Kummissjoni tista' għalhekk ma ssolvix is-sitwazzjoni speċifika u individwali tiegħek. Sabiex tikseb rimedju, inkluż kumpens jekk ikun mistħoqq, jenħtieġ li tieħu azzjoni f'livell nazzjonali fl-Istat Membru kkonċernat. Is-sottomissjoni tal-ilment lill-Kummissjoni ma tissospendix il-limiti ta' żmien biex tinbeda azzjoni legali skont il-liġi nazzjonali. Il-Kummissjoni tista' wkoll tiddeċiedi, fit-tħaddim

<sup>1</sup> C(2016)8600.

tad-diskrezzjoni tagħha, li ma tiftaħx proċeduri formali ta' ksur, anki jekk tqis li jkun sar ksur tad-dritt tal-UE.

Is-servizzi tal-Kummissjoni awtomatikament se jittrattaw l-ilment tiegħek b'mod kunfidenzjali. Huwa biss fil-każ li lmentatur jagħżel trattament mhux kunfidenzjali fil-formola tal-ilmenti li d-dipartimenti tal-Kummissjoni jistgħu jiżvelaw l-identità u kwalunkwe informazzjoni sottomessa minn dak l-ilmentatur lill-awtoritajiet tal-Istat Membru li fil-konfront tiegħu ikun sar l-ilment. L-iżvelar tal-identità tal-ilmentatur mid-dipartimenti tal-Kummissjoni jista' f'xi każijiet ikun indispensabbi għat-trattament tal-ilment.

Id-[dikjarazzjoni speċifika dwar il-politika tal-privatezza](#) tapplika fir-rigward tat-trattament tal-ilmenti.